VALLETTA
*Città Umilissima*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

## 8 LEĠISLATURA

### Laqgħa Numru 6

Il-Ħamis 7 ta' Novembru 2019

Il-Kunsilli Lokali Valletta Itaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 36-36, Triq it-Teżorerija (Misraħ ir-Repubblika), Valletta, fis-17.00hrs.

PREŻENTI:

Alfred Zammit – Sindku
Christian Micallef – Minority Leader
Lian Pace – Kunsillier
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier
Jurgen Briffa – Kunsillier
Vincent Fabri – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 16A (6):**
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku

**ASSENTI**
NIL

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Alfred Zammit ippresjeda l-laqgħa.

## 6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

6.1.1 Apologija min Raymond Azzopardi

## 6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

6.6.1 Il-minuti tas-Seduta Nru 5– l- It-Tnejn 21 ta' Ottubru 2019 kienu ikkonfermati.

## 6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

6.3.1 **Is-Sindku Alfed Zammit nforma li kellu laqgha mal-periti tal-Kunsill dwar l- proġett tal-Belveder taħt il-qanpiena. Bħalissa qed isiru l-istimi u disji. L-Kunsill qabel dwar dan.**

6.3.2 **Is-Sindku Alfed Zammit nforma dwar l-attivita li kellu l-Kunsill fejn laqgħa lil Mrs Muscat f'isem il-marigold foundation. Informa li l-Kunsill ingħata sigra biex titħawwel fil-gnien ta' Ħastings. Il-Kunsill kollu qabel dwar dan.**

6.3.3 **Is-Sindku Alfred Zammit nforma li għal festeġġiamenti ta' Jum il-Belt jixtieq li jsiru fil-Konkatidral ta' San Gwann. Għandhom jkunu preżenti l-Presidenti, l-Prim Ministru.** Nforma li tkellem mal-Kummissarju biex tieħu sehem l-Banda tal-Pulizija. Ser isiru diskussjonijiet mal-Kumitati tal-Festi biex isir tiżjin mil-festi tal-Belt. Il-Kunsill qabel dwar dan

6.3.4 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa li staqsa lill-Kuntrattur tal-Knis biex jibda jippreżenta datatrak reports mal-kontijiet. Il-Kunsill qabel dwar dan.

6.3.5 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa li bgħat komunikat lis-Segretarju Ezekttutiv dwar dejn akkumulat. Dan biex issir laqgħa mal-Gvern dwar l-allokazzjoni li mhux qed tkun biżżejjed biex isservi għal ispejjes enormi li qed ikollu l-Kunsill. Il-Kunsill qabel dwar dan.

6.3.6 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa li sar l-pagement għal-bins tal-Loqom tas-Sigaretti li ser ikunu imħalsin mir-Regjun Xlokk. Il-Kunsill qabel dwar dan.

6.3.7 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa li ser isejjaħ laqgħa ma l-Onor. Roderick Galdes dwar scaffolding li hemm triq ir-Republikka naħa ta' isfel. Il-Kunsill qabel dwar dan.

6.3.8 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa li kellu laqgħa ma '-operaturi ta' CVA Technologu ltd. Dawn talbu għal prezz ridott fuq il-Kirja ta' Desk. Il-Kunsill qabel li għandu jirċievi bil-miktub u jħalsu l-ammont dovut immedjatament.

6.3.9 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa dwar proposta li preżenta lil Kunsill Ray Abela f'isem TCTC. L-kunsill qabel dwar dan.

6.3.10 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa dwar stedina li għandu Reggio Calabria.

6.3.11 **Is-Sindku Alfred Zammit** informa dwar laqgħat kontinwi fuq il-proġett tal-Bankini mal-Periti biex jinbidel il-materjal. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tall-Kunsillieri

6.4.1 Il-Minority Leader Christian Micallef tkellem dwar l-operat tas-Sindku. Nforma li is-Sindku għandu jitħalla jaħdem għaliex huwa jifhem dwar l-ostakoli li kellu meta okkupa l-Kunsill kollu qabel dwar dan.

6.4.2 l-Minority Leader Christian Micallef informa li flimkien ma' Lian Pace qed jagħmlu preparamenti biex isir l-business breakfast għal Corporate Social Responsibility Fund mil-Entitajiet Beltin.

6.4.3 lL-Kunsillier Jurgen Briffa ppreżenta mozzjoni biex l-Bust ta' Papa Piju jkun immexxi fi triq ir-Repubblika faċċata tal-Parlament. Kien Sekondat min Lian Pace. L-Kunsill qabel dwar dan. Dwar din il-mozzjoni l-kusillier Vince Fabri kien tal-opinjoni, li waqt li jaqbel lil-bust tal-Papa Piju jigi trasferit f'post aktar xieraq, ghandu jintalab il-parir ta' persuni kompetenti fejn dan ghandu jitpogga.

6.4.4 L-Kunsillier Jurgen Briffa nforma dwar laqgħa li kellu mal-Valletta Cultural Agency fuq Jum il-Belt u l-

6.4.5 L-Kunsillier Jurgen Briffa nforma jum il-belt konnha qbilna li jien u s-sindku ha nipprezentaw programm dwar Jum il-Belt

## 6.5 Rapporti

6.5.1 Is-Sindku ssospenda laqgħa biex jitkellem rappreżentant tal-LESA. Stephen Cassar informa li mhux minnu li s-Sindku nforma lill-Uffiċjali tal-LESA biex ma jħarkux u jħallu persuni pparkjati fuq parkeġġ tar-residenti. Ser issir laqgħa ma' l-Uffiċċjali tal-LESA u l-Kunsill biex jigu diskussi materji diversi dwar l=parkeġġ.

## 6.6 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor tall-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

6.6.1 Korrispondenza min għand.Mons Lawrence Zammit dwar talba għal parkeġġ għal ħin tal-quddies bħala Rettur tal-Gizwiti u minħabba l-eta' u ma jiflaħx jimxi fit-tul L-Kunsill qabel dwar dan.

6.6.2 Korrispondenza dwar lista ta' attivitajijet li għandha l-parroċċa ta' San Duminku min Marzu 2020 sa Ottubru 2020.

6.6.3 Korrispondenza dwar tnedija ta' Skemi 2020.

6.6.4 Korrispondenza dwar stedina għas-Sindku u Segretarju Ezekttuvi biex isir l-iffirmar ta' trangar fil=blokok tal- housing.

6.6.5 Korrispondenza dwar rampa li ser issir minħabba l-aċċessibilita' fiċ-Ċentru Santu Rokku. L-kunsill qabwl dwar dan.

6.6.6 Korrispondenza dwar parkeġġ li kien jintuża mil-kommunita' Pawlina li kien faċċata tal-bieb tal-Dar Parrokkjnali. L-Kunsill qabel li dan għandu jerga jsir fejn kien.

## 6.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

6.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv nforma dwar Sejħiet għal offerti / kwotazzjonijiet li qed jinħargu:

Re-issue Quotation tal-Van

Sejha għal drivers 1-8 sieghat u 1-4 sieghat kulljum.

L-Kunsill qabel dwar dan.

6.7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li ser isir parkegg fil-parking ta Ġnien Hastings għal uzu tal-Kunsill primarjament tas-Sindku minħabba l-qadi tal-Kunsill. L-Kunsill qabel dwar dan.

6.7.3 Is-Segretarju Ezekuttiv nforma li l-creditors list sa' l-aħħar ta' Settembru kienet aġġornata skond l-istatmeents li intbgħatu. Hemm statements li għadhom ma ntbgħatux għalhekk ma setgħux jikkonfermaw l-ammonti. Is-Segretarju Ezekktuttiv informa li l-ammont tal-creditors hija dik ta' 430,251 euros. Pero kif l-Kunsill jaf għandu agreement mal-Waste collection ltd li jħallas 3 xhur b'lura minħabba retention money li jammonta għal 177,125 euros. Hemm ukoll ammont mal Wasteserv ta 172,341 euros li minnhom l-Wasteserv għandu jagħti lil Kunsill 120,876 euro. L-Kunsill għandu jieħu wkoll kif diga ssemma l-ammont ta' aktar min sentejn ta' CVA desk li ilhom pendenti. Sar qbil ukolll li mil-2011 l-Kunsill tal-Belt naqsulu 200,000 euro li dawn kienu fondi addizzjonali mic-citazzjonijiet. Saret spjega li l-Kunsill għalhekk jaħdem b'telf u dan huwa ġej frott l-ammont kbir ta' spejjes li dejjem jiżdiedu. L-kunsill qabel dwar dan.

6.7.4 Is-Segretarju Ezekttutiv ippreżenta l-Quarterly Financial Report min 1 ta' Jannar sa l-aħħar ta' Settembru 2019. L-Kunsill qabel dwar dan.

6.7.5 Is-Segretarju Ezekttutiv tkellem dwar artiklu qarrieq li dehr fuq paġna inews. Hija tkellmet dwar l-proġetti li saru kif ukoll għamlet referenza għal minuti 7/50 fejn l-istess persuna kienet għamlet allegazzjonijiet u saru minuti biex tniżżlu ftit mil-proġetti li saru. Huwa ingust li jsiru rapport qarrieqa li jiddevjaw il-qarreja u joħolqu negattivita'. L-Kunsill qabel dwar dan.

## 6.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati

6.8.1

6.8.2

## 6.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Lulju 2019

IFFIRMATA

Alfred Zammit
Sindku

IFFIRMATA

Gabriella Agius
Segretarju Eżekuttiv